KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MACIEJ SZPUNAR
ippreżentati fid-19 ta' Mejju 2022[1]

Kawża C-24/20

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament – Deċiżjoni (UE) 2019/1754 – Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Att ta' Genève tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi – Awtorizzazzjoni mogħtija lill-Istati Membri sabiex jaderixxu mal-imsemmi att flimkien mal-Unjoni – Assenza ta' proposta tal-Kummissjoni – Setgħa tal-Kunsill li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni – Kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni – Artikolu 13(2) u Artikolu 17(2) TUE – Artikolu 2(1), Artikolu 218(6) u Artikolu 293(1) TFUE"

I. Introduzzjoni

1. L-Amerikani jgħidu li jekk xi ħaġa tixbah papra, tgħum bħal papra u tlaqlaq bħal papra, hija papra. Fir-realtà, il-klassifikazzjoni tal-elementi preżenti quddiem għajnejna, li tista' tidher tant evidenti mad-daqqa ta' għajn, tista' dejjem tkun is-suġġett ta' dibattitu. Dan huwa iktar u iktar minnu f'dak li jikkonċerna l-kunċetti astratti.

2. B'hekk, f'din il-kawża, il-Kummissjoni Ewropea tqiegħed inkwistjoni l-kompetenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jemenda, konformement mal-Artikolu 293(1) TFUE, il-proposta tagħha ta' att ġuridiku tal-Unjoni minħabba li l-emenda magħmula mill-Kunsill qabżet il-limiti ta' emenda. Essenzjalment, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja emenda tal-proposta magħmula mill-Kunsill u, bħal René Magritte, tirrileva: "Din ma hijiex emenda". Hija din l-aħħar konstatazzjoni li hija suġġetta għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

II. Il-kuntest ġuridiku

3. Din il-kawża tikkonċerna żewġ trattati internazzjonali amministrati mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO).

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

A. Il-Ftehim ta' Lisbona

4. Il-Ftehim ta' Lisbona dwar il-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom huwa trattat li ġie ffirmat fil-31 ta' Ottubru 1958, irrevedut fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendat fit-28 ta' Settembru 1979 [2] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Lisbona"). Huwa jikkostitwixxi arranġament partikolari fis-sens tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali tal-20 ta' Marzu 1883 [3] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Pariġi"), li fih kull Stat li huwa parti f'din il-Konvenzjoni jista' jaderixxi għalih.

5. Seba' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona, jiġifieri r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Slovakka [4]. Għall-kuntrarju, l-Unjoni ma hijiex parti f'dan il-ftehim, li miegħu jistgħu jaderixxu biss Stati.

6. Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Lisbona, l-Istati li għalihom japplika dan il-ftehim huma kkostitwiti f'forma ta' Unjoni Speċjali (iktar 'il quddiem l-"Unjoni Speċjali") fil-kuntest tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Pariġi u jintrabtu li jipproteġu, fit-territorju tagħhom u skont it-termini ta' dan il-ftehim, id-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti ta' Stati oħra ta' din l-Unjoni Speċjali, irrikonoxxuti u protetti f'dan ir-rigward fil-pajjiż ta' oriġini u rreġistrati fl-Uffiċċju Internazzjonali tal-WIPO.

B. L-Att ta' Genève

7. Fl-20 ta' Mejju 2015, konferenza diplomatika adottat l-Att ta' Genève tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi [5] (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Genève"), li jikkostitwixxi reviżjoni tal-Ftehim ta' Lisbona. B'differenza minn dan l-arranġament, l-Att ta' Genève jipprevedi, fl-Artikolu 28(1)(iii) tiegħu, il-possibbiltà għall-organizzazzjonijiet intergovernattivi (iktar 'il quddiem l-"OIG") li jsiru partijiet fih [6].

8. L-Artikolu 22 tal-Att ta' Genève jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali (iktar 'il quddiem l-"Assemblea"), li hija komposta mill-partijiet kontraenti f'dan l-att u mill-Istati li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona. Konformement mal-Artikolu 22(2) ta' dan l-att, l-assemblea, b'mod partikolari, tittratta l-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw iż-żamma u l-iżvilupp tal-Unjoni Speċjali u l-applikazzjoni tal-imsemmi att, temenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandha tadotta r-regolament finanzjarju tal-Unjoni Speċjali u tadotta l-emendi għall-Artikoli 22 sa 24 u 27 tal-istess att.

2 *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 923, Nru 13172, p. 205.

3 Irreveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendata fit-28 ta' Settembru 1979 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 828, Nru 11851, p. 305).

4 Kif tirrileva l-Kummissjoni, il-firma u l-konklużjoni ta' dan il-ftehim seħħew filwaqt li, f'dak li jirrigwarda r-Repubblika Franċiża u r-Repubblika Taljana, il-kompetenza tal-Unjoni kienet għadha ma ġietx ikkunsidrata bħala esklużiva u li dawn l-Istati l-oħra ma kinux għadhom membri tal-Unjoni. Tliet Stati Membri oħra (ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Rumanija) iffirmaw l-imsemmi arranġament fl-1958 u fl-1959, minkejja li kienu għadhom ma humiex membri tal-Unjoni, iżda ma rratifikawhx.

5 ĠU 2019, L 271, p. 15.

6 Sakemm mill-inqas wieħed mill-Istati Membri tal-OIG ikun parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-OIG jiddikjara li kien ġie debitament awtorizzat, skont il-proċeduri interni tiegħu, li jsir parti fl-Att ta' Genève u li, skont it-Trattat li jikkostitwixxi l-OIG, tapplika leġiżlazzjoni li tipprevedi li jistgħu jinkisbu permessi ta' protezzjoni reġjonali fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. Dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti fir-rigward tal-Unjoni Ewropea.

9. L-Artikolu 22(4) tal-Att ta' Genève, intitolat "Teħid tad-deċiżjonijiet fl-Assemblea", jipprevedi:

"a) L-Assemblea għandha tagħmel ħiltha biex tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

b) Meta ma tkunx tista' tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni li tkun qed tkun tiġi diskussa għandha tiġi deċiża permezz ta' votazzjoni. F'każ bħal dan,

(i) kull Parti Kontraenti li tkun Stat għandu jkollha vot wieħed u għandha tivvota f'isimha stess biss; kif ukoll,

(ii) kwalunkwe Parti Kontraenti li tkun [OIG] tista' tivvota minflok l-Istati membri tagħha, b'numru ta' voti daqs l-għadd tal-Istati membri tagħha li jkunu parti ta' dan l-Att. L-ebda [OIG] ta' din ix-xorta ma għandha tipparteċipa fil-vot jekk xi wieħed mill-Istati membri tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu li jivvota, u viċi versa.

c) Dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw biss lill-Istati li huma marbutin [bil-Ftehim ta' Lisbona], il-Partijiet Kontraenti li mhumiex marbutin [b'dan il-ftehim] ma għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw, filwaqt li fi kwistjonijiet li jikkonċernaw biss lill-Partijiet Kontraenti, dawn tal-aħħar biss għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw."

10. Skont l-Artikolu 31 tal-Att ta' Genève, intitolat "Applikazzjoni tal-[Ftehim ta' Lisbona]":

"1) *[Relazzjonijiet bejn l-Istati li huma parti kemm f'dan l-Att kif ukoll tal-[Ftehim ta' Lisbona]]* Dan l-Att waħdu għandu jkun applikabbli fir-rigward tar-relazzjonijiet reċiproċi tal-Istati li huma parti kemm ta' dan l-Att kif ukoll tal-[Ftehim ta' Lisbona]. Madankollu, fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet internazzjonali tad-denominazzjonijiet ta' oriġini effettivi skont il-[Ftehim ta' Lisbona], l-Istati ma għandhomx jagħtu inqas protezzjoni minn dik meħtieġa fil-[Ftehim ta' Lisbona].

2) [*Relazzjonijiet bejn l-Istati li huma parti kemm ta' dan l-att, kif ukoll tal-[Ftehim ta' Lisbona], u l-Istati li huma parti tal-[Ftehim ta' Lisbona] mingħajr ma jkunu parti ta' dan l-att*]) Fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati li huma parti tal-[Ftehim ta' Lisbona] li ma humiex parti ta' dan l-Att, kwalunkwe Stat li huwa parti ta' dan il-[Ftehim ta' Lisbona] għandu jkompli japplika l-[Ftehim ta' Lisbona] skont kif ikun il-każ."

11. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Genève[7], adottat abbażi tal-Artikolu 25 tal-Att ta' Genève, jipprevedi, fir-Regola 7 tiegħu, mekkaniżmu li jippermetti l-protezzjoni, skont l-Att ta' Genève, tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona fil-każ ta' adeżjoni għall-Att ta' Genève ta' Stat parti fil-Ftehim ta' Lisbona[8].

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

12. Bi tħejjija għall-konferenza diplomatika msejħa f'Genève mill-11 sal-21 ta' Mejju 2015 għall-għanijiet tal-eżami u tal-adozzjoni ta' abbozz ta' Ftehim ta' Lisbona rrevedut, il-Kummissjoni adottat, fit-30 ta' Marzu 2015, rakkomandazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li

[7] It-test rilevanti għal din il-kawża huwa dak tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Ftehim ta' Lisbona u għall-Att ta' Genève, adottat fit-2 ta' Ottubru 2018, TRT/LISBON/013.

[8] Dan il-mekkaniżmu jinsab ukoll f'verżjonijiet oħra ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni.

tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona Rrevedut dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. F'din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni stiednet b'mod partikolari lill-Kunsill sabiex jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 207 kif ukoll fuq l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, fid-dawl tal-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni fl-Artikolu 3(1) TFUE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni.

13. Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 8512/15 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Bid-differenza ta' dak li kienet irrakkomandat il-Kummissjoni, din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 114 kif ukoll fuq l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE.

14. Permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim ta' Lisbona rivedut)[9], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8512/15, billi ddeċidiet li n-negozjar tal-Att ta' Genève jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva li l-Artikolu 3(1) TFUE jattribwixxi lill-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni msemmija fl-Artikolu 207(1) TFUE[10].

15. Fis-27 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Att ta' Genève[11] (iktar 'il quddiem il-"proposta ta' deċiżjoni"), abbażi tal-Artikolu 207 u tal-Artikolu 218(6)(a) TFUE. Fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, ġie propost li l-Unjoni biss taderixxi għal dan l-att.

16. Wara d-dibattiti, il-Kunsill bagħat lill-Parlament Ewropew abbozz ta' deċiżjoni li jipprevedi, minbarra l-approvazzjoni tal-adeżjoni tal-Unjoni għall-Att ta' Genève, l-awtorizzazzjoni għall-Istati Membri li jixtiequ jaderixxu ma' dan l-att (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni kontenzjuża"). Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament approva dan l-abbozz ta' deċiżjoni.

17. Il-Kummissjoni opponiet l-abbozz tal-Kunsill. F'dikjarazzjoni tal-20 ta' Settembru 2019, hija kkontestat il-possibbiltà li tawtorizza lill-Istati Membri kollha li jixtiequ jirratifikaw l-Att ta' Genève jew li jaderixxu miegħu b'mod parallel mal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, hija indikat li kienet lesta taċċetta li s-seba' Stati Membri li kienu partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona u li kienu diġà rreġistraw diversi drittijiet ta' proprjetà intellettwali skont dan il-ftehim ikunu awtorizzati jaderixxu mal-Att ta' Genève fl-interess tal-Unjoni.

18. Fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta b'mod unanimu, skont l-Artikolu 293(1) TFUE, id-Deċiżjoni (UE) 2019/1754[12] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

19. Skont il-premessi 6, 8, 9 u 10 tad-deċiżjoni kkontestata:

"(6) Biex l-Unjoni tkun tista' teżerċita kif xieraq il-kompetenza esklużiva tagħha għall-oqsma koperti mill-Att ta' Ġinevra u għall-funzjonijiet tagħha fil-kuntest tas-sistemi ta' protezzjoni komprensivi tagħha għad-dežinjazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli, jenħtieġ li l-Unjoni taderixxi mal-Att ta' Ġinevra u ssir parti kontraenti tiegħu.

[9] C-389/15, EU:C:2017:798, punt 74.

[10] Id-Deċiżjoni 8512/15 ġiet sussegwentement issostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/416, tal-5 ta' Marzu 2018, li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Lisbona rivedut dwar id-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU 2018, L 75, p. 23).

[11] COM(2018) 350 finali.

[12] Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU 2019, L 271, p. 12).

[…]

(8) Jenħtieġ li l-Unjoni tipprova tirregolarizza l-kwistjoni tad-drittijiet tal-vot tagħha fl-[Assemblea] sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva tagħha fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fid-dawl tal-punt (b)(ii) tal-Artikolu 22(4) tal-Att ta' Ġinevra. Hu għalhekk adatt li l-Istati Membri, li jixtiequ jagħmlu dan, ikunu awtorizzati jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu, kif adatt, flimkien mal-Unjoni, fl-interess tagħha.

(9) Fl-istess waqt, dan jippermetti li tkun żgurata l-kontinwità tad-drittijiet li jirriżultaw mis-sħubija eżistenti tas-seba' Stati Membri fl-Unjoni Speċjali.

(10) Jenħtieġ madankollu li r-ratifika jew l-adeżjoni mill-Istati Membri tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, u jenħtieġ li l-Unjoni tibqa' responsabbli li tiżgura l-eżerċitar tad-drittijiet u t-twettiq tal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri taħt l-Att ta' Ġinevra."

20. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni jistabbilixxi:

"L-adeżjoni tal-(Unjoni) mal-('Att ta' Ġinevra') hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni."

21. L-Artikolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi:

"L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan, huma b'dan awtorizzati li jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu, kif opportun, flimkien mal-Unjoni u fl-interess tagħha, b'rispett sħiħ tal-kompetenza esklużiva tagħha."

22. L-Artikolu 4 tal-istess deċiżjoni jiddisponi:

"1. Fl-Unjoni Speċjali, l-Unjoni u kwalunkwe Stat Membru li jirratifika jew jaderixxi mal-Att ta' Ġinevra skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun irrappreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) [TUE]. L-Unjoni għandha tkun responsabbli li tiżgura l-eżerċitar tad-drittijiet u t-twettiq tal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirratifikaw jew jaderixxu għall-Att ta' Ġinevra skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel in-notifiki meħtieġa kollha skont l-Att ta' Ġinevra f'isem l-Unjoni u dawk l-Istati Membri.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tinħatar bħala l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għall-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tal-WIPO skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra (...).

2. L-Unjoni għandha tivvota fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali u l-Istati Membri li rratifikaw jew aderixxew għall-Att ta' Ġinevra m'għandhomx jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw."

23. Fis-17 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors għal annullament.

24. L-Att ta' Genève daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020 u jorbot lill-Unjoni minn din id-data. Matul l-2021, abbażi tal-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika Franċiża u l-Ungerija ffirmaw u rratifikaw dan l-att.

IV. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata;

– tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dan jinkludi riferimenti għall-Istati Membri jew, sussidjarjament, tannulla kompletament dan l-Artikolu 4 jekk ir-riferimenti għall-Istati Membri jkunu indissoċjabbli mill-kumplament tal-Artikolu;

– iżżomm l-effetti tal-partijiet annullati tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari kull użu tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 3 qabel id-data tas-sentenza mill-Istati Membri li huma attwalment partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona, sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jeċċedix sitt xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza, ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

26. Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' April 2020, il-Kunsill qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, skont l-Artikolu 151(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar din l-eċċezzjoni fit-18 ta' Mejju 2020. Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2020, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ġiet magħquda mal-mertu.

27. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli fl-intier tiegħu;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat fl-intier tiegħu;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

28. Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika Portugiża ġew ammessi jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

29. Il-partijiet kollha, bl-eċċezzjoni tar-Renju tal-Belġju u tar-Repubblika Portugiża, ipparteċipaw fis-seduta li nżammet fl-1 ta' Frar 2022.

V. Analiżi

30. Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur ta' diversi artikoli tat-Trattat FUE, tal-prinċipju ta' attribuzzjoni kif ukoll tas-setgħa ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mill-Kunsill mingħajr proposta tal-Kummissjoni. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 207 TFUE, sa fejn il-Kunsill eċċeda l-kompetenzi tiegħu billi awtorizza lill-Istati Membri jaġixxu f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

31. Qabelxejn ser neżamina l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill qabel ma nasal għall-mertu.

A. Fuq l-ammissibbiltà

1. L-argumenti tal-partijiet

32. Il-Kunsill, sostnut essenzjalment mill-Istati Membri intervenjenti, jeċċepixxi l-inammissibbiltà tar-rikors tal-Kummissjoni minħabba li dan huwa dirett biss kontra l-Artikolu 3 u l-elementi tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet kontenzjużi"), li ma jistgħux jiġu sseparati mill-kumplament ta' din id-deċiżjoni. Fil-fehma tiegħu, l-Artikolu 3 huwa interkonness mal-bqija tad-deċiżjoni kkontestata, u iktar preċiżament mal-Artikolu 1 tagħha. Minn naħa, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet magħquda jippermettu lill-Unjoni li jkollha drittijiet tal-vot fi ħdan l-assemblea [13], u b'hekk tagħtiha l-possibbiltà li teżerċita l-kompetenza esterna esklużiva tagħha fl-oqsma li jaqgħu taħt l-Att ta' Genève. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata jiggarantixxi l-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi [14] rreġistrati fis-seba' Stati Membri li huma partijiet kontraenti tal-Ftehim ta' Lisbona (iktar 'il quddiem is-"seba' Stati Membri kkonċernati") [15]. L-annullament ta' din id-dispożizzjoni jkollu l-effett li jelimina l-benefiċċju ta' adeżjoni sħiħa u effettiva tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra kif ukoll il-benefiċċju tal-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi preċedentament irreġistrati taħt il-Ftehim ta' Lisbona. Għaldaqstant, dan l-annullament jirrendi l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata inkompatibbli mal-għan u l-iskop tagħha, kif esposti, b'mod partikolari, fil-premessi 6, 8 u 9 ta' din id-deċiżjoni. Fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni, dan ma jistax jiġi sseparat mill-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni.

33. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-inammissibbiltà tat-talba għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata hija sostnuta mit-talba tal-Kummissjoni intiża għaż-żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata. Huwa jsostni li din it-talba ma tikkorrispondix mar-*raison d'être* ta' din it-tip ta' talba u li l-Kummissjoni tipprova pjuttost tikseb ir-reviżjoni tas-sustanza tal-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni.

34. Il-Kummissjoni tirribatti li d-dispożizzjonijiet kontenzjużi huma separabbli mill-bqija tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fehma tagħha, l-awtorizzazzjoni kontenzjuża ma hijiex neċessarja sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita b'mod korrett il-kompetenza esterna esklużiva tagħha fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-att. Fil-fatt, ir-regoli applikabbli jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-indikazzjonijiet ġeografiċi diġà rreġistrati mis-seba' Stati Membri kkonċernati jżommu l-anzjanità tagħhom wara l-adeżjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-assemblea, fir-realtà, ma tivvotax u l-essenza tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni ma timmaterjalizzax fi ħdan l-assemblea. Konsegwentement, ir-rinunzja totali ta' kwalunkwe influwenza fuq in-numru ta' voti li għandha

[13] F'dan ir-rigward, l-Artikolu 22(4)(b)(ii) tal-Att ta' Genève jipprevedi li OIG tipparteċipa fil-votazzjoni fl-assemblea b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma partijiet f'dan l-att.

[14] Fl-atti tagħhom, il-partijiet jużaw it-termini "indikazzjonijiet ġeografiċi" fis-sens li jinkludu wkoll id-denominazzjonijiet ta' oriġini. Madankollu għandu jiġi enfasizzat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Lisbona kien limitat għad-denominazzjonijiet ta' oriġini.

[15] Kif jirrileva l-Kunsill fil-parti introduttiva tar-risposta tiegħu, reġistrazzjoni ġdida ta' indikazzjoni ġeografika skont l-Att ta' Genève li ssir mill-Unjoni (u mhux minn wieħed mis-seba' Stati Membri kkonċernati), bħala parti kontraenti ġdida għall-Unjoni Speċjali, ma titqiesx bħala reġistrazzjoni li tista' tiżgura l-kontinwità tar-reġistrazzjoni inizjali mwettqa skont il-Ftehim ta' Lisbona iżda bħala reġistrazzjoni *ex novo* fir-rigward tal-partijiet kontraenti terzi. Minn perspettiva legali, dan ifisser li l-anzjanità tal-indikazzjoni ġeografika mogħtija skont il-Ftehim ta' Lisbona hija interrotta fil-kuntest tal-Att ta' Genève. Din l-interruzzjoni jkollha l-konsegwenza li l-proprjetarji tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali korrispondenti jirriskjaw li jsofru t-telf inġustifikat ta' element essenzjali tad-drittijiet miksuba tagħhom.

l-Unjoni diffiċilment tista' tiġi kkunsidrata bħala element essenzjali tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni tirrileva li s-sentenzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-annullament parzjali ta' att ma kienx possibbli jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet sostantivi. Issa, id-dispożizzjonijiet kontenzjużi ma humiex ta' tali natura. Fil-fehma tagħha, din il-kawża tixbah iktar il-kawżi li jikkonċernaw dispożizzjonijiet "istituzzjonali", li dejjem tqiesu mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala separabbli.

35. Fir-rigward tal-argument tal-Kunsill dwar it-talba tal-Kummissjoni intiża għaż-żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tikkontesta r-rilevanza tiegħu. Fil-fehma tagħha, xejn ma jippermetti li jiġi ddikjarat li t-talba intiża għall-annullament tal-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni hija inammissibbli għas-sempliċi raġuni li hija akkumpanjata minn talba għaż-żamma tal-effetti tal-imsemmija deċiżjoni.

36. Ir-Repubblika Taljana ssostni li r-rikors huwa inammissibbli sa fejn huwa ppreżentat biss kontra l-Kunsill meta dan kellu jiġi ppreżentat ukoll kontra l-Parlament, li approva d-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 218(6)(a)(iii) TFUE.

37. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirribatti li l-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma tagħmilx minnu l-awtur tal-att li kontrih jista' jiġi ppreżentat rikors għal annullament.

2. Kunsiderazzjonijiet

a) Fuq l-argumenti tal-Kunsill

38. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħhom ikunu separabbli mill-kumplament tal-att. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li r-rekwiżit ta' separabbiltà ma huwiex issodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbiddel is-sustanza tiegħu [16]. B'hekk, il-verifika tan-natura separabbli tal-elementi ta' att tal-Unjoni jippreżupponi ukoll l-eżami tal-portata tagħhom sabiex jiġi evalwat jekk annullament ta' dawn l-elementi jibdilx l-ispirtu u s-sustanza ta' dan l-att [17]. Barra minn hekk, il-kwistjoni jekk annullament parzjali jbiddilx is-sustanza ta' att tal-Unjoni tikkostitwixxi kriterju oġġettiv u mhux kriterju suġġettiv marbut mar-rieda politika tal-istituzzjoni li adottat l-att kontenzjuż [18].

39. F'dan ir-rigward, is-sustanza ta' att legali ma tistax tiġi ddeterminata mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ġuridiku tal-adozzjoni tiegħu. F'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata hija deċiżjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 218(6) TFUE. Dan huwa att ta' espressjoni tal-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta minn trattat fis-sens tal-Artikoli 11 u 15 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati bejn Stati u organizzazzjonijiet internazzjonali jew bejn organizzazzjonijiet internazzjonali [19], li jikkorrispondi għall-atti tal-Istati msemmija fl-Artikoli 11 u 15 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, konkluża

[16] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-626/18, EU:C:2020:1000, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[17] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-626/18, EU:C:2020:1000, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[18] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2020, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-626/18, EU:C:2020:1000, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Magħmula fi Vjenna fil-21 ta' Marzu 1986. Għadha ma daħlitx fis-seħħ.

fit-23 ta' Mejju 1969[20]. Is-sustanza tad-deċiżjoni kkontestata hija b'hekk neċessarjament iddeterminata mill-elementi kostituttivi ta' att li jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li jkun marbut bl-Att ta' Genève.

40. F'dan il-kuntest, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet mhux ikkontestati tad-deċiżjoni kkontestata, l-Artikolu 1 tagħha japprova l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Att ta' Genève, l-Artikoli 2 u 5 tiegħu jistabbilixxu l-modalitajiet prattiċi ta' din l-adeżjoni u l-Artikolu 6 tagħha jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija deċiżjoni jinkludi dispożizzjonijiet li ma humiex marbuta mal-adeżjoni tal-Istati Membri mal-Att ta' Genève. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkorrispondu, essenzjalment, għal dawk li jinsabu fil-proposta għal deċiżjoni u jikkonċernaw il-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Att ta' Genève, li hija indikata fih bħala l-amministrazzjoni kompetenti fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan l-att.

41. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, qabelxejn, l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata jawtorizza lill-Istati Membri li jixtiequ jirratifikaw l-Att ta' Genève jew jaderixxu miegħu[21]. Sussegwentement, l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' din id-deċiżjoni jiddeterminaw il-portata tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li aderixxew ma' dan l-att, kif ukoll ir-regoli ta' rappreżentanza tal-Unjoni u ta' dawn l-Istati Membri. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi li l-Unjoni tivvota fl-assemblea u li l-Istati Membri li rratifikaw l-Att ta' Genève jew li aderixxew għalih ma jeżerċitawx id-dritt tal-vot tagħhom.

42. Minn dan is-sunt jirriżulta li d-dispożizzjonijiet kontenzjużi ma jinkludux elementi li jikkostitwixxu espressjoni tal-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bl-Att ta' Genève. L-effett meqjus li ġie prodott minn deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 218(6) TFUE huwa diġà prodott mid-dispożizzjoni inkluża fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata. Id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-deċiżjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet kontenzjużi, la jaffettwaw il-portata u lanqas il-kontenut u l-inkundizzjonalità tal-kunsens espress fl-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni u għalhekk ma għandhomx effett fuq is-sustanza tad-deċiżjoni kkontestata. Id-dispożizzjonijiet kontenzjużi huma għalhekk separabbli mill-kumplament tad-deċiżjoni kkontestata. Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi miċħuda.

43. Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-fatt li xejn ma jimponi li deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri jaderixxu mal-Att ta' Genève għandha tiġi adottata fl-istess ħin bħad-deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għal dan l-att. Din l-awtorizzazzjoni ta' adeżjoni tal-Istati Membri tista' tingħata f'deċiżjoni separata[22]. Fil-fatt, mill-perspettiva tal-Att ta' Genève, l-adeżjoni tal-Unjoni waħedha ma teskludix l-adeżjoni sussegwenti tal-Istati Membri. Hija lanqas ma taffettwa l-livell ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona.

44. Fir-rigward tal-argument tal-Kunsill dwar it-talba intiża għaż-żamma tal-effetti ta' att annullat, naqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li din it-talba tikkostitwixxi talba addizzjonali meta mqabbla mat-talba prinċipali intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u ma

[20] *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1155, p. 331.

[21] Għal finijiet ta' sempliċità, ser nuża, fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, billi nirreferi għall-għan tal-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata, it-terminu "jaderixxi" sabiex ikopri kemm l-adeżjoni għall-Att ta' Genève kif ukoll ir-ratifika tiegħu.

[22] Mill-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-noti ta' intervent jirriżulta li hija ma teskludix il-possibbiltà tal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni.

tikkostitwixxix talba għar-reviżjoni tal-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ma hijiex possibbli fil-kuntest ta' dan ir-rikors. Konsegwentement, din hija irrilevanti għall-analiżi tal-ammissibbiltà tar-rikors jew tal-fondatezza tiegħu.

45. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jien tal-opinjoni li d-dispożizzjonijiet kontenzjużi huma elementi separabbli mill-kumplament tad-deċiżjoni kkontestata u li, konsegwentement, ir-rikors huwa ammissibbli.

b) Fuq l-argument tar-Repubblika Taljana

46. Mill-Artikolu 263 TFUE jirriżulta li rikors għal annullament huwa ppreżentat kontra l-awtur tal-att ikkontestat, jiġifieri l-istituzzjoni li adottattu [23]. L-att ikkontestat huwa imputabbli lil din l-istituzzjoni [24]

47. Konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(6) TFUE, huwa l-Kunsill li, fuq proposta tan-negozjatur, jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Din id-deċiżjoni hija imputabbli lilu u huwa l-awtur ta' dan l-att.

48. Il-fatt li l-Parlament japprova, skont l-Artikolu 218(6)(a) TFUE, deċiżjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali, li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Kunsill, ma jagħmlux l-awtur ta' din id-deċiżjoni. L-approvazzjoni tiegħu għandha bħala suġġett att ta' istituzzjoni oħra, jiġifieri l-Kunsill.

49. F'dan il-każ, peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata mill-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 218(6) TFUE, ir-rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni għandu jiġi ppreżentat biss kontra din l-istituzzjoni. Rikors ippreżentat kontra l-Parlament ikun ddikjarat inammissibbli. Konsegwentament, l-argument tar-Repubblika Taljana għandu jiġi miċħud.

3. Konklużjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà

50. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-opinjoni li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

B. Fuq il-mertu

1. Fuq l-ewwel motiv

a) L-argumenti tal-partijiet

51. L-ewwel motiv imqajjem mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 218(6) u tal-Artikolu 293(1) TFUE, tal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 13(2) TUE, kif ukoll tal-prinċipju ta' ekwilibriju istituzzjonali u tad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni.

[23] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, L-Awstrija vs Il-Kunsill (C-445/00, EU:C:2003:445, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] Ara Lenaerts, K., Maselis, L., u Gutman, K., *EU procedural law*, Oxford: Oxford University Press, Oxfordm 2014, p. 306, kif ukoll Molinier, L., Lotarski, L., *Droit du contentieux de l'Union européenne*, ir-4 edizzjoni, LGDJ Lextenso, Pariġi, 2012, p. 203.

52. Skont il-Kummissjoni, il-Kunsill, meta emenda l-proposta għal deċiżjoni permezz tal-introduzzjoni tal-possibbiltà offruta lill-Istati Membri kollha sabiex jaderixxu mal-Att ta' Genève, kien aġixxa fl-assenza ta' kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni, u b'hekk kiser l-Artikolu 293(1) TFUE u kkawża preġudizzju għall-bilanċ istituzzjonali stabbilit fl-Artikolu 13(2) TUE.

53. Il-Kummissjoni ssostni li l-Kunsill fir-realtà adotta żewġ deċiżjonijiet: mhux biss dik li tirrigwarda l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Att ta' Genève, iżda wkoll dik li tirrigwarda l-adeżjoni tal-Istati Membri f'dan l-att. Il-Kunsill jista', skont l-Artikolu 293(1) TFUE, jemenda unanimament il-proposta għal deċiżjoni. Madankollu, f'dan il-każ, sa fejn il-possibbiltà li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jaderixxu mal-Att ta' Genève ma ġietx proposta mill-Kummissjoni, li jitqies li l-introduzzjoni ta' din il-possibbiltà tikkostitwixxi biss "emenda" tal-proposta ta' deċiżjoni tippreġudika serjament id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma pproponietx li l-Istati Membri jitħallew jadottaw att legalment vinkolanti f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(1) TFUE. Hija tqis li att li bih l-Unjoni taġixxi u tirregola suġġett u att li permezz tiegħu l-Unjoni tawtorizza sempliċement lill-Istati Membri jaġixxu, jekk jixtiequ, la jkollhom l-istess suġġett u lanqas l-istess għan. Tali awtorizzazzjoni tħalli spazju kbir għat-teħid ta' deċiżjoni awtonoma mill-Istati Membri u tagħmilhom responsabbli *in solidum*, skont id-dritt internazzjonali, għall-implimentazzjoni tal-Att ta' Genève. Fir-rigward tal-"għan", dan ġie kkompletat mill-Kunsill.

54. Il-Kunsill, sostnut mill-intervenjenti, jirribatti li, meta emenda l-proposta għal deċiżjoni, osserva kundizzjoni proċedurali u kundizzjoni sostantiva li għalihom hija suġġetta emenda fis-sens tal-Artikolu 293(1) TFUE. Fil-fatt, minn naħa, huwa jkun iddeċieda b'unanimità. Min-naħa l-oħra, huwa ma jkunx tbiegħed mis-suġġett tal-proposta ta' deċiżjoni u ma jkunx biddel l-għan tagħha. L-emendi magħmula huma intiżi biss sabiex l-Unjoni ssir parti fl-Att ta' Genève u tkun f'pożizzjoni li teżerċita b'mod korrett il-kompetenza esklużiva tagħha fil-kuntest ta' dan l-att, filwaqt li tippreżerva l-anzjanità u l-kontinwità tal-indikazzjonijiet ġeografiċi diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Fir-rigward tal-għan tal-proposta ta' deċiżjoni, il-Kunsill isostni li din tikkonċerna l-eżerċizzju korrett tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

55. Il-Kunsill isostni li l-aċċettazzjoni tal-argument li l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-proposta tal-Kummissjoni hija ekwivalenti għal assenza ta' proposta ċċaħħad mis-sustanza tagħha d-dritt ta' emenda mogħti lilu mill-Artikolu 293(1) TFUE, li jċaħħadha minn kull effett utli. Huwa jiċħad, bħala arbitrarja u artifiċjali, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li skontha huwa adotta fir-realtà żewġ deċiżjonijiet.

56. Skont ir-Repubblika Taljana, l-Artikolu 293 TFUE ma huwiex applikabbli għall-proċedura rregolata mill-Artikolu 218 TFUE. Fil-fatt, id-deċiżjoni li tikkonkludi ftehim hija rregolata mill-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta din id-deċiżjoni "fuq proposta min-negozjatur". Ebda proposta tal-Kummissjoni ma tkun prevista, peress li din l-istituzzjoni ma tintervjenix fil-proċedura fiha nnifisha, iżda bħala negozjatur. Għalhekk, fil-kuntest tal-proċedura inkwistjoni, li tiġi assimilata proposta tal-Kummissjoni ma' dik prevista b'mod ġenerali fl-Artikolu 293(1) TFUE għall-finijiet tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill "fuq proposta tal-Kummissjoni" fl-ebda każ ma hija possibbli.

57. Għandu jiġi eżaminat l-argument imqajjem mir-Repubblika Taljana qabel dawk tal-Kunsill.

b) Kunsiderazzjonijiet

1) Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 293(1) TFUE

58. Skont ir-Repubblika Taljana, l-Artikolu 293(1) TFUE ma japplikax għad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali, peress li l-Artikolu 218 TFUE huwa l-uniku wieħed applikabbli għal tali deċiżjonijiet.

59. L-Artikoli 218 u 293 TFUE jinsabu f'partijiet differenti tat-Trattat FUE. Filwaqt li l-ewwel wieħed jinsab fit-Titolu V, intitolat "Ftehim internazzjonali" tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE, it-tieni wieħed jinsab fil-Kapitolu 2, intitolat "Atti legali ta' l-Unjoni, proċeduri ta' adozzjoni u dispożizzjonijiet oħrajn", tat-Titolu I tas-Sitt Parti tat-Trattat FUE.

60. Is-Sitt parti tat-Trattat FUE tinkludi dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet kif ukoll it-tipoloġija tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni u l-proċeduri għall-adozzjoni tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-partijiet l-oħra tat-Trattat FUE sa fejn dawn tal-aħħar jinkludu riferimenti għall-istituzzjonijiet jew għall-atti legali tal-Unjoni, bla ħsara għad-derogi possibbli mir-regoli li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ġenerali tas-sitt parti tat-Trattat FUE li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet partikolari li jinsabu f'partijiet oħra tat-Trattat. Minn dan isegwi li, bħala prinċipju, l-Artikolu 293 TFUE japplika għad-deċiżjonijiet adottati abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE.

61. Minbarra l-argument ta' natura sistematika fformulat fil-punt preċedenti, għandu jiġi osservat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 293 TFUE ma tħalli l-ebda dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. L-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni tindika espressament li hija dejjem tapplika meta t-Trattati (u mhux biss id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Parti tat-Trattat FUE) jipprevedu li l-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq proposta tal-Kummissjoni. L-unika kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija għalhekk li dispożizzjoni tat-Trattati tipprevedi l-adozzjoni ta' att mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għalhekk ma huwiex limitat, b'mod partikolari, għall-proċeduri leġiżlattivi. Konsegwentement, meta mid-dispożizzjonijiet tal-ħames parti tat-Trattat FUE jirriżulta li l-Kunsill jiddeċiedi fuq proposta tal-Kummissjoni, l-Artikolu 293 TFUE japplika.

62. Għandu jiġi osservat li kull azzjoni esterna tal-Unjoni tinkludi wkoll parti interna. It-Titolu V tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-istituzzjonijiet u l-modalitajiet tal-azzjonijiet tagħhom fil-kuntest tan-negozjati u tal-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali. Dan jaqa' taħt l-aspett estern ta' azzjoni tal-Unjoni. Madankollu, din l-azzjoni esterna tal-Unjoni hija riflessa fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari f'deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet.

63. Ir-regoli għall-adozzjoni tal-atti ġuridiċi neċessarji għall-finijiet tal-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali jikkostitwixxu regoli speċjali meta mqabbla mar-regoli ġenerali li jirregolaw l-adozzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni. Ir-regoli speċjali ma għandhomx bħala effett li r-regoli ġenerali ma japplikawx iżda bħala effett li japplikaw sa fejn dispożizzjonijiet partikolari ma jipprevedux derogi minnhom. F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 218 TFUE ma jirriżultax li r-regola stabbilita fl-Artikolu 293(1) TFUE ma tapplikax għal deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 218(6) TFUE.

64. Din il-kawża taqa' taħt il-politika kummerċjali komuni. Mill-Artikolu 207(3) TFUE jirriżulta li, f'dan il-qasam, hija l-Kummissjoni li hija kompetenti sabiex tinnegozja ftehimiet internazzjonali. Minn dan isegwi li meta l-Kunsill jadotta, f'dan il-qasam, deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 218(6) TFUE fuq proposta tan-negozjatur, huwa jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni.

65. Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-Artikolu 293(1) TFUE japplika għal deċiżjoni dwar l-adeżjoni għal ftehim internazzjonali meta l-Kunsill jadotta din id-deċiżjoni fuq proposta tal-Kummissjoni. Konsegwentement, jien tal-fehma li l-argument imqajjem mir-Repubblika Taljana għandu jiġi miċħud bħala infondat.

2) Fuq l-argumenti tal-Kummissjoni

66. Permezz tal-ewwel motiv tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Kunsill li kiser il-prinċipji bażiċi tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju ta' attribuzzjoni u l-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali. Il-Kunsill kiser id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni meta adotta l-awtorizzazzjoni kontenzjuża fl-assenza ta' proposta tal-Kummissjoni li tipprevedi tali awtorizzazzjoni.

67. F'dan ir-rigward, konformement mal-Artikolu 13(2) TUE, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali, kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-attribuzzzjonijiet mogħtija lilha mit-Trattati, konformement mal-proċeduri, mal-kundizzjonijiet u mal-għanijiet previsti minnhom.

68. Barra minn hekk, l-Artikolu 17(2) TUE jipprevedi li att leġiżlattiv tal-Unjoni jista' jiġi adottat biss "fuq proposta" tal-Kummissjoni, ħlief fil-każ fejn it-Trattati jipprevedu mod ieħor filwaqt li l-atti l-oħra li jistgħu jiġu adottati fuq proposta tal-Kummissjoni meta t-Trattati jipprevedu dan. Din id-dispożizzjoni tikkostituzzjonalizza l-prerogattiva tal-Kummissjoni li hija l-istituzzjoni li għandha bħala prinċipju d-dritt ta' inizjattiva f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni.

69. Dan id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, irrikonoxxut ukoll fl-Artikolu 289 TFUE fir-rigward tal-atti leġiżlattivi, jimplika li hija l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi li tippreżenta, jew le, proposta ta' att leġiżlattiv, ħlief fil-każ fejn hija tkun obbligata li tagħmel dan skont id-dritt tal-Unjoni. Abbażi ta' din is-setgħa, f'każ ta' preżentazzjoni ta' proposta ta' att leġiżlattiv, hija wkoll il-Kummissjoni li għandha, skont l-Artikolu 17(1) TUE, tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan, sabiex tiddetermina s-suġġett, l-għan kif ukoll il-kontenut ta' din il-proposta[25]. L-istess jista' jingħad għall-proposti tagħha għal atti mhux leġiżlattivi[26].

70. Id-dispożizzjonijiet l-oħra invokati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 293(1) TFUE, jikkonkretizzaw din il-prerogattiva tal-Kummissjoni. Dan l-aħħar artikolu jipprevedi li meta, skont it-Trattati, il-Kunsill jiddeċiedi fuq proposta tal-Kummissjoni, huwa jista' jemenda l-proposta biss meta jaġixxi unanimament. Għandu jiġi nnotat li, b'differenza, b'mod partikolari, mill-Artikolu 289 TFUE, l-Artikolu 293 TFUE ma jużax il-kelma "leġiżlattiva". Minn dan isegwi li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat għall-atti adottati skont il-proċedura leġiżlattiva, kemm jekk hija ordinarja jew speċjali.

[25] Sentenza tal-14 ta' April 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-409/13, EU:C:2015:217, punt 70).

[26] Sentenza tas-6 ta Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punt 147).

71. Id-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati msemmija qabel jippermettu li jiġi żgurat fl-Unjoni "bilanċ bejn, minn naħa, il-korp Ewropew, li huwa intiż li jesprimi l-interess ġenerali tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, il-gvernijiet, fi ħdan il-Kunsill, konxji mill-awtorità tagħhom u l-attributi tas-sovranità tagħhom, u l-[Parlament] li joħroġ mill-popli tal-Ewropa"[27]. B'mod partikolari, jirriżulta li l-Kunsill ma jistax jaġixxi bil-għan li jadotta att leġiżlattiv sakemm ma jkunx ġie adit bi proposta[28]. Meta jimmodifika tali proposta, anki b'mod unanimu, ma jistax jiżnaturaha, jiġifieri jibdel b'mod fundamentali s-sustanza tagħha, taħt piena li jippreġudika l-monopolju ta' inizjattiva tal-Kummissjoni[29]. Dan japplika wkoll għal atti legali oħra tal-Unjoni.

72. F'dan il-kuntest, l-ewwel motiv tal-Kummissjoni jista' jintlaqa' biss bil-kundizzjoni li l-emenda magħmula mill-Kunsill tkun qabżet il-limiti stabbiliti mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda s-suġġett, il-finalità u l-kontenut tal-att li kien is-suġġett tal-proposta tagħha.

73. L-għan, il-finalità u l-kontenut tal-proposta ta' att ġuridiku li l-adozzjoni tiegħu hija proposta mill-Kummissjoni huma neċessarjament iddeterminati mill-kuntest ġuridiku li fih jaqa' l-att propost. Kif diġà enfasizzajt fil-kuntest tal-analiżi tiegħi dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kummissjoni pproponiet l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 218(6) TFUE. L-għan, il-finalità u l-kontenut ta' din il-proposta huma għalhekk iddeterminati mill-effett previst mill-Kummissjoni, peress li dan huwa, f'dan il-każ, l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Att ta' Genève.

74. F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi osservat li l-possibbiltà offruta lill-Istati Membri li jaderixxu mal-Att ta' Genève ma hijiex element kostituttiv tal-espressjoni tal-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta b'dan l-att. Għaldaqstant ma huwiex indispensabbli li tingħata tali possibbiltà sabiex l-effett tal-adeżjoni fl-Att ta' Genève jintlaħaq. Is-sitwazzjoni tkun differenti biss kieku l-Unjoni ma setgħetx tkun parti fi ftehim internazzjonali minħabba l-fatt li l-adeżjoni għalih hija miftuħa biss għall-Istati[30]. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk. L-adeżjoni tal-Unjoni f'isimha stess fl-Att ta' Genève hija fil-fatt possibbli bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att.

75. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi ammess li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża tibqa' marbuta mill-qrib mal-adeżjoni tal-Unjoni fl-Att ta' Genève sa fejn din tippermetti li jiġu solvuti l-problemi, tal-inqas potenzjali, li jqajmu, minn naħa, l-applikazzjoni ta' dan l-att fil-prattika fir-rigward tad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea, u, min-naħa l-oħra, l-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tad-drittijiet miksuba skont il-Ftehim ta' Lisbona. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet kontenzjuži ma jbiddlux u ma jikkontestawx il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bl-Att ta' Genève. Id-dispożizzjonijiet kontenzjuži huma b'hekk marbuta mas-suġġett, mal-finalità u mal-kontenut tal-att li kien is-suġġett tal-proposta għal deċiżjoni.

76. F'dan il-kuntest, għandu madankollu jiġi vverifikat jekk l-awtorizzazzjoni kontenzjuża, minkejja li ma taffettwax il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bl-Att ta' Genève u minkejja li hija b'rabta mal-adeżjoni tal-Unjoni ma' dan l-att, tipproduċix effetti li jmorru lil hinn mis-suġġett, il-finalità u l-kontenut tal-proposta ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni sal-punt li l-effetti li hija tipproduċi huma tant remoti u distinti mill-effetti kkontemplati mill-proposta ta' deċiżjoni li l-adozzjoni ta' att li jipproduċihom kienet teħtieġ inizjattiva separata min-naħa tal-Kummissjoni.

[27] Ara Van Raepenbusch, S., *Droit institutionnel de l'Union européenne*, it-tieni edizzjoni, Larcier, Brussell, 2016, p. 275.

[28] Ara Van Raepenbusch, *op.cit.*, p. 276.

[29] Ara Van Raepenbusch, *op.cit.*, p. 276 u 277.

[30] F'tali sitwazzjoni, il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat minn Trattat ma pproduċiex effetti legali fir-rigward tal-partijiet kontraenti. Tali kunsens jista' jiġi espress biss mill-Istati Membri li jaġixxu f'isimhom stess iżda fl-interess tal-Unjoni. F'dan il-każ, minflok il-kunsens tal-Unjoni, id-deċiżjoni tal-Kunsill tista' tipprevedi li tawtorizza lill-Istati Membri jesprimu l-kunsens tagħhom.

77. Jidhirli li dan huwa l-każ f'din il-kawża, peress li, kif issostni l-Kummissjoni, l-awtorizzazzjoni kontenzjuża effettivament twassal għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jaġixxu flimkien mal-Unjoni bħala suġġetti indipendenti tad-dritt internazzjonali pubbliku f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esterni esklużivi tagħha.

78. Issa, fil-fehma tiegħi, dan l-effett prodott mill-awtorizzazzjoni kontenzjuża jmur kontra wieħed mill-prinċipji kostituzzjonali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2(1) TFUE. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju li l-azzjoni tal-Istati Membri f'qasam li jaqa' taħt il-*kompetenzi esklużivi*[31] tal-Unjoni hija pprojbita[32] sakemm l-Unjoni ma tiddeċidix mod ieħor u tawtorizza lill-Istati Membri.

79. Irrispettivament mill-kundizzjonijiet ta' tali awtorizzazzjoni, li jikkostitwixxu l-problema sostantiva li jqajjem it-tieni motiv tar-rikors, jien tal-fehma li din l-awtorizzazzjoni, li tikkostitwixxi mid-definizzjoni tagħha eċċezzjoni importanti għal regola ta' natura kostituzzjonali, tirrikjedi proposta tal-Kummissjoni, sakemm ma tkunx meħtieġa, meta l-Unjoni tkun prekluża milli taġixxi minħabba r-regoli tad-dritt internazzjonali li jipprevedu limitazzjonijiet għall-ammissibbiltà tal-azzjonijiet ta' OIG.

80. Kull interpretazzjoni oħra jkollha l-konsegwenza li l-bilanċ bejn l-istituzzjoni li għandha l-għan li tesprimi l-interess ġenerali tal-Unjoni u l-Gvernijiet, li huwa l-qofol tal-kostruzzjoni ġuridika tal-Unjoni[33], jitqiegħed f'perikolu. Fil-fatt, sabiex jiġu evitati l-limitazzjonijiet inerenti għan-natura esklużiva tal-kompetenzi tal-Unjoni f'ċerti oqsma, ikun biżżejjed li l-Kunsill jawtorizza fuq inizjattiva tiegħu stess lill-Istati Membri sabiex jaġixxu fis-sens tal-Artikolu 2(1) TFUE, fl-okkażjoni tal-adozzjoni ta' att propost mill-Kummissjoni li ma jipprevedix tali awtorizzazzjoni. Fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni, dan jista' jkollu l-konsegwenza li, anki f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jawtorizza lill-Istati Membri jaġixxu b'mod parallel mal-Unjoni, u dan jista' jqiegħed inkwistjoni n-natura esklużiva tal-kompetenza tagħha[34].

81. Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) TFUE u l-assenza ta' neċessità li jintlaħqu permezz tal-awtorizzazzjoni kontenzjuża l-għanijiet ippreżentati mill-Kummissjoni fil-proposta ta' deċiżjoni, l-awtorizzazzjoni kontenzjuża għandha titqies li hija miżura distinta, li tinsab barra mil-limiti stabbiliti mill-Kummissjoni fil-proposta għal deċiżjoni. Konsegwentement, huwa kompletament iġġustifikat li jiġi aċċettat, kif issostni l-Kummissjoni, li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża għandha tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni distinta, li teħtieġ, sabiex tkun tista' tiġi adottata, proposta tal-Kummissjoni. Dan ifisser li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża tinsab barra mil-limiti stabbiliti mill-għan, il-finalità u l-kontenut tal-proposta għal deċiżjoni.

82. Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża ngħatat mill-Kunsill mingħajr proposta tal-Kummissjoni, għandu jitqies li, peress li emenda l-proposta għal deċiżjoni biż-żieda tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi li jipprevedu l-awtorizzazzjoni kontenzjuża, il-Kunsill kiser

31 Enfasi miżjuda minni.

32 Dan il-prinċipju huwa kklassifikat bħala "Sperrwirkung" (effett ta' mblokk) mid-duttrina Ġermaniża, ara Obwexer, W., "AEUV Art. 2", f'von der Groeben, H., Schwarze, J., Hatje, A., *Europäisches Unionsrecht*, is-seba' edizzjoni, Nomos, Baden Baden, 2015, paragrafu 16).

33 Ara l-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:441, punt 96).

l-Artikolu 17(2) TUE, l-Artikolu 293(1) TFUE, il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi previst fl-Artikolu 13(2) TUE, kif ukoll il-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali u d-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni.

3) Konklużjoni interim

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel motiv tar-rikors.

2. Fuq it-tieni motiv

84. Ir-riżultat tal-analiżi tiegħi tal-ewwel motiv jirrendi inutli l-eżami tat-tieni motiv. Madankollu, ser nipproċedi għall-analiżi tat-tieni motiv fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-analiżi tiegħi fuq l-ewwel motiv, billi tikkunsidra li l-Kunsill kellu d-dritt li jagħmel emendi għall-proposta ta' deċiżjoni minkejja l-assenza ta' proposta tal-Kummissjoni.

a) L-argumenti tal-partijiet

85. Permezz tat-tieni motiv tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Kunsill li kiser l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 207 TFUE kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-fehma tagħha, billi awtorizza lill-Istati Membri jaġixxu f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Kunsill mar lil hinn mill-kompetenzi tiegħu u ma mmotivax suffiċjentement id-deċiżjoni tiegħu. Għalkemm tali awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw il-ftehimiet internazzjonali ngħataw fil-passat mill-Kunsill f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, madankollu dawn kienu ta' natura eċċezzjonali. Dawn ingħataw, minn naħa, f'sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni kienet prekluża milli taġixxi f'isimha stess [35] u, min-naħa l-oħra, f'sitwazzjonijiet ta' ftehim bilaterali fejn hija kienet iddeċidiet li ma taġixxix hija stess [36]. F'dawn id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw tali awtorizzazzjoni, il-Kunsill spiss enfasizza n-natura eċċezzjonali ta' din l-awtorizzazzjoni. Madankollu, l-awtorizzazzjoni kontenzjuża hija awtorizzazzjoni ġenerali u la hija kundizzjonata u lanqas temporanja. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-"garanzija interna" tal-osservanza tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, prevista fl-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, ma hijiex suffiċjenti sabiex tiżgura l-kompatibbiltà ta' din id-deċiżjoni mat-Trattati jew sabiex tevita li "ċċajpar" il-pożizzjoni internazzjonali tal-Unjoni.

86. F'dak li jirrigwarda l-problema tad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata ma jippermettix li din tiġi rrimedjata b'mod xieraq sa fejn l-Istati Membri huma liberi li jużaw jew le l-awtorizzazzjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, l-adeżjoni tal-Istati Membri fl-Att ta' Genève tostakola l-isforzi tal-Kummissjoni intiżi sabiex jemendaw klawżoli relatati mar-regoli tal-vot tal-OIG inkwistjoni u sabiex l-Unjoni tkun tista' tiddisponi, fid-dritt internazzjonali, minn status simili għal dak tal-Istati meta hija taġixxi f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza

[35] Ara, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/93/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri jiffirmaw, fl-interess tal-Komunità, il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni f'materji ta' responsabbilità tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-tfal (ĠU 2003, L 48, p. 1).

[36] Ara, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 662/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali (ĠU 2009, L 200, p. 25, rettifika fil-ĠU 2011, L 241, p. 35).

li ma għandhiex tiġi ssopravalutata, f'dan il-każ, l-importanza tad-dritt tal-vot peress li l-assemblea, li tittratta prinċipalment kwistjonijiet amministrattivi, tiddeċiedi biss rarament b'vot, iżda pjuttost b'kunsens.

87. Fir-rigward tal-problema tal-anzjanità tar-reġistrazzjonijiet skont il-Ftehim ta' Lisbona u tal-kontinwità tal-protezzjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tikkunsidra bħala ċert il-fatt li l-anzjanità kienet ser tinbidel fl-assenza tal-adeżjoni tal-Istati Membri li huma partijiet f'dan il-ftehim.

88. Fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ssostni li l-premessa 8 ta' din id-deċiżjoni hija intrinsikament kontradittorja. Fil-fehma tagħha, għalkemm l-ewwel sentenza tidher li "tagħti opportunità" lill-assemblea li tindirizza l-kwistjoni tad-dritt tal-vot tal-Unjoni, it-tieni sentenza tindika madankollu li "għandha" tingħata awtorizzazzjoni lill-Istati Membri, indipendentement minn dak li l-assemblea futura tista' tiddeċiedi.

89. Il-Kunsill, sostnut mill-Istati Membri intervenjenti, iqis li l-interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 2(1) TFUE ssuġġerita mill-Kummissjoni la hija sostnuta minn interpretazzjoni letterali u lanqas minn interpretazzjoni teleoloġika. Skont il-Kunsill, din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tirrikonċilja l-iżvilupp kostituzzjonali stess tal-Unjoni billi tagħti kompetenzi ta' spiss esklużivi u ordinament ġuridiku internazzjonali li għandu l-Istati bħala l-ewwel suġġetti. Sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha fix-xena internazzjonali, l-Unjoni għandha tieħu vantaġġ sħiħ mill-pożizzjoni tal-Istati Membri, bħala atturi internazzjonali b'mod sħiħ, sabiex iżżid l-effettività tagħha u tiżgura l-eżerċizzju korrett tad-drittijiet tagħha fil-livell internazzjonali. Il-Kunsill isostni li huwa għandu jkun jista' jawtorizza lill-Istati Membri jaġixxu fl-interess tal-Unjoni, b'osservanza sħiħa, minn naħa, tal-kompetenza esklużiva tagħha u, min-naħa l-oħra, tas-sistema ta' tqassim tal-kompetenzi bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li tagħti lil kull waħda minnhom ir-rwol tagħha fi ħdan l-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni u fit-twettiq tal-kompiti fdati lilha.

90. Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni, il-Kunsill iqis li d-deċiżjoni kkontestata tinkludi spjegazzjoni suffiċjenti taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni kontenzjuża, mogħtija f'kuntest magħruf mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud.

b) Kunsiderazzjonijiet

1) Fuq l-Artikolu 2(1) TFUE

91. Kif diġà enfasizzajt, l-analiżi segwenti hija rilevanti biss bil-kundizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-konklużjonijiet tiegħi dwar l-ewwel motiv u tqis, kuntrarjament għal dak li nipproponi, li l-Kunsill kellu d-dritt, skont l-Artikolu 293 TFUE, li jagħmel l-emenda kkontestata għall-proposta ta' deċiżjoni mingħajr ma l-Kummissjoni tkun ippreżentat proposta f'dan ir-rigward.

92. It-tieni motiv huwa fir-realtà intrinsikament marbut mal-ewwel motiv sa fejn jirrigwarda l-istess problema, jiġifieri dik tal-possibbiltà li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jaġixxu f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni fil-kuntest ta' relazzjonijiet esterni. Madankollu, filwaqt li l-ewwel motiv jikkonċerna r-relazzjoni bejn ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 2(1) TFUE u d-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, it-tieni jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) TFUE.

93. L-analiżi tat-tieni motiv teħtieġ għalhekk li jiġi ddeterminat liema hija l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) TFUE, sa fejn din id-dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà għall-Unjoni li tawtorizza lill-Istati Membri jilleġiżlaw u jadottaw atti legalment vinkolanti f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. F'dan il-każ, il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni ma hijiex ikkontestata u l-ebda waħda mill-partijiet ma għandha dubji dwar il-fatt li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) TFUE.

94. Kif diġà semmejt[37], l-Artikolu 2(1) TFUE jistabbilixxi prinċipju kostituzzjonali tad-dritt tal-Unjoni li jikkonkretizza l-prinċipju ta' attribuzzjoni. L-importanza tagħha hija enfasizzata mill-pożizzjoni tagħha fost l-ewwel dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, iddedikati għall-prinċipji.

95. L-Artikolu 2(1) TFUE, sa fejn jikkonċerna l-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-Istati Membri, huwa kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari tas-sentenzi Donckerwolcke u Schou[38], Bulk Oil (Zug)[39] u Werner[40]. Il-Kummissjoni tara hawn ukoll il-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni fis-sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni hija prekluża milli taġixxi f'isimha stess minħabba regoli tad-dritt internazzjonali jew meta, għalkemm ma hijiex prekluża, tiddeċiedi li ma tiħux azzjoni meta l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu dan. Għandu jiġi osservat li d-duttrina tidher li tikkunsidra l-azzjoni tal-Istati Membri bħala "ġestjinarji" tal-Unjoni[41] pjuttost bħala eċċezzjoni mhux ikkodifikata fit-Trattati, li ma hijiex imsemmija direttament fl-Artikolu 2(1) TFUE[42].

96. Kienu x'kienu l-intenzjonijiet tal-awturi tat-Trattati, il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) TFUE, sa fejn dan jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri, timmilita favur interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li din ir-regola tapplika biss għas-sitwazzjonijiet invokati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni stess ma tidhirx li teskludi li l-Istati Membri huma awtorizzati jaġixxu wkoll f'sitwazzjonijiet oħra.

97. B'hekk, il-kwistjoni li tinsab fil-qalba tat-tieni motiv hija intiża li tiddetermina liema huma l-kundizzjonijiet, jekk jeżistux, sabiex isir użu mill-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) TFUE. Fil-fatt, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa liema huma l-aħjar mezzi sabiex tiggarantixxi lill-Unjoni status adegwat fir-rigward ta' partijiet oħra fi ftehim internazzjonali, ħaġa li barra minn hekk ma hijiex f'pożizzjoni li tagħmel. Għall-kuntrarju, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa jekk il-kundizzjonijiet sabiex tintuża l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) TFUE ġewx issodisfatti.

37 Ara l-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1976 (41/76, EU:C:1976:182).

39 Sentenza tat-18 ta' Frar 1986, (174/84, EU:C:1986:60).

40 Sentenza tas-17 ta' Ottubru 1995 (C-70/94, EU:C:1995:328).

41 Ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 1981, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (804/79, EU:C:1981:93, punt 30). Ara wkoll, f'dan ir-rigward, Cremona, M., "Member States as Trustees of the Union Interests: Participating in International Agreements on behalf of the European Union", f'Arnull, A., Barnard, C., Dougan, M., u Spaventa, E., (editur), *A Constitutional Order of States?: Essays in EU Law in Honour of Alan Dashwood*, Hart Publishing, Londra, 2011, p. 435 sa 458.

42 Ara, f'dan ir-rigward, Obwexer, W., "AEUV Art. 2", f'von der Groeben, H., *op. cit.*, 20, u Pelka, "S. C., "AEUV Art. 2. [Arten von Zuständigkeiten]" f'Schwarze, J., Becker, U., Hatje, A., Schoo, J., (editur), *EU-Kommentar*, ir-raba' edizzjoni, Nomos, Baden Baden, 2019, paragrafu 12.

98. F'dan ir-rigward, ninnota li l-partijiet ma jidhirx li jiddubitaw li l-possibbiltà li jawtorizzaw lill-Istati Membri sabiex jaġixxu f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni ma tistax tiġi pperċepita bħala illimitata jew inkundizzjonata [43]. Mill-prinċipju tal-kompetenza ta' attribuzzjoni jirriżulta li meta l-Istati Membri jittrasferixxu l-kompetenza tagħhom f'qasam partikolari lill-Unjoni u jagħtuha bħala kompetenza esklużiva, l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza mill-Istati Membri għandu jitqies li jmur kontra dan il-prinċipju. Dan jidher li jirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) TFUE, li jenfasizza n-natura eċċezzjonali tal-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri li hija prevista fih. Minn naħa, din l-awtorizzazzjoni hija ppreżentata bħala eċċezzjoni għar-regola stabbilita fil-bidu tal-Artikolu 2 TFUE u, min-naħa l-oħra, l-użu tagħha ma huwiex suġġett għad-deċiżjoni tal-Istati Membri iżda għal dik tal-Unjoni [44].

99. Meta azzjoni tiġi aċċettata biss eċċezzjonalment, huwa meħtieġ li jkun hemm ġustifikazzjonijiet oġġettivi sabiex isir rikors għaliha. Tali azzjoni għandha ssegwi għan iġġustifikat, tkun f'pożizzjoni li tilħaq dan l-għan u ma tmurx lil hinn minn dak kollu li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq, u fin-nuqqas ta' dan, l-attribuzzjoni fit-Trattati ta' kompetenza lill-Unjoni bħala kompetenza esklużiva tista' faċilment tiġi kkontestata.

100. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li hija l-parti kkonċernata li għandha tipproduċi l-elementi tali li tiġi stabbilita n-natura esklużiva tal-kompetenza esterna tal-Unjoni li għandha l-intenzjoni li tibbaża fuqha [45]. B'mod simili, għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi aċċettat li hija l-parti li tagħmel użu mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) TFUE li għandha tipproduċi l-elementi li jiġġustifikaw l-użu tal-awtorizzazzjoni li hija prevista hemmhekk. F'dan il-każ, huwa għalhekk il-Kunsill li għandu juri l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva sabiex tingħata l-awtorizzazzjoni kontenzjuża lill-Istati Membri, il-possibbiltà li jintlaħqu l-għanijiet previsti permezz ta' din l-awtorizzazzjoni, kif ukoll il-fatt li l-imsemmija awtorizzazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

101. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iqajjem żewġ ġustifikazzjonijiet ibbażati, l-ewwel waħda, fuq in-neċessità li jiġi żgurat li l-Unjoni għandha d-dritt għall-vot fl-assemblea u, it-tieni waħda, fuq in-neċessità li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet miksuba li jirriżultaw mir-reġistrazzjonijiet imwettqa skont il-Ftehim ta' Lisbona.

102. Jien tal-opinjoni li dawn il-ġustifikazzjonijiet jimmilitaw favur eventwali użu mill-Unjoni tal-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) TFUE.

103. Fil-fatt, fl-ewwel lok, ma jistax jiġi rrifjutat l-argument tal-Kunsill dwar l-eżistenza tal-problema tad-drittijiet tal-vot ta' OIG fl-assemblea. L-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 22 tal-Att ta' Genève tippermetti li jiġi sostnut li, fil-każ ta' votazzjoni fl-assemblea, l-Unjoni ma għandhiex vot jekk ebda wieħed mill-Istati Membri ma jkun parti għal dan l-att. L-assemblea ma hijiex korp nieqes minn setgħat. Skont l-Att ta' Genève hija għandha kompetenzi konkreti li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet u tal-operaturi ekonomiċi. Għalkemm id-deċiżjoni permezz ta' vot hija prevista biss sussidjarjament, din ma hijiex eskluża. F'dan

[43] Kif osserva l-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi magħquda Hessischer Rundfunk (C-422/19 u C-423/19, EU:C:2020:756, punt 43), sabiex tkun kompatibbli mal-konfigurazzjoni kostituzzjonali tal-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni, tali awtorizzazzjoni jista' jkollha biss natura limitata u ma tistax tagħti lok għal bidla permanenti tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri li tirriżulta minn din il-konfigurazzjoni.

[44] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1976, Donckerwolcke u Schou (41/76, EU:C:1976:182, punt 32); tas-17 ta' Ottubru 1995, Werner (C-70/94, EU:C:1995:328, punt 12), kif ukoll tas-17 ta' Ottubru 1995, Leifer *et* (C-83/94, EU:C:1995:329, punt 12).

[45] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-114/12, EU:C:2014:2151, punt 75), kif ukoll tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punt 115).

il-kuntest, ma tistax titqies bħala mhux iġġustifikata awtorizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(1) TFUE li tippermetti li jiġi żgurat li l-Unjoni għandha d-dritt tal-vot fi ħdan l-assemblea [46].

104. Fit-tieni lok, l-istess japplika għall-argument tal-Kunsill dwar in-neċessità li tiġi żgurata l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Għalkemm l-Artikolu 31 tal-Att ta' Genève jidher li jiggarantixxi l-kontinwità ta' din il-protezzjoni, anki fin-nuqqas tal-adeżjoni tas-seba' Stati Membri kkonċernati, ma huwiex eskluż li l-livell ta' din il-protezzjoni jkun inqas minn dak offrut fil-każ tal-inklużjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont Lisbona fis-sistema stabbilita bl-Att ta' Genève.

105. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, jidhirli li l-Artikolu 31 tal-Att ta' Genève ma jippermettix li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini fir-relazzjonijiet bejn is-seba' Stati Membri kkonċernati (fl-ipoteżi fejn dawn ma jkunux aderew għal dan l-att) u l-Istati partijiet biss fl-Att ta' Genève (jiġifieri l-Istati terzi li ma humiex partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona). Fin-nuqqas tal-adeżjoni għall-Att ta' Genève ta' wieħed mis-seba' Stati Membri kkonċernati, id-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati minnu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-att ma jibbenefikawx, fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni ġdida, mill-protezzjoni fl-Istati partijiet għall-imsemmi att li ma humiex partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona. Ċertament, eventwali reġistrazzjoni ġdida tista' ssir mill-Unjoni, iżda ebda dispożizzjoni tal-Att ta' Genève ma tippermetti li jitqies b'ċertezza li l-anzjanità ta' denominazzjoni ta' oriġini hekk irreġistrata tiġi ddeterminata abbażi tar-reġistrazzjoni mwettqa taħt il-Ftehim ta' Lisbona mill-Istat Membru kkonċernat.

106. Fit-tieni lok, is-seba' Stati Membri kkonċernati jkunu mċaħħda mill-possibbiltà li jinkludu d-denominazzjonijiet ta' oriġini tagħhom diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona fis-sistema ta' protezzjoni stabbilita mill-Att ta' Genève. F'din is-sitwazzjoni, anki fl-assenza tar-riskju ta' "telf" tad-drittijiet miksuba, ċerti benefiċċji miksuba mill-parteċipazzjoni f'sistema maħsuba, skont l-awturi tagħha, bl-intenzjoni li jagħmluha iktar attraenti mis-sistema preċedenti u li, milli jidher, hija intiża li tissostitwixxi lil din tal-aħħar, jirriskjaw li jiġu eskluži għall-operaturi kkonċernati.

107. Ċertament, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Genève f'dan is-sens li l-adeżjoni tal-Unjoni għandha l-effett li l-Unjoni tissostitwixxi lill-Istati Membri partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona tippermetti li jiġu evitati l-problemi inkwistjoni. Madankollu, tali effett ma huwiex espressament previst mill-Att ta' Genève. L-Unjoni, bħala parti kontraenti, ma hijiex f'pożizzjoni li timponi tali interpretazzjoni fuq il-partijiet kontraenti l-oħra jew fuq is-segretarjat tal-WIPO. Din l-inċertezza fir-rigward tal-konsegwenzi legali tirrikjedi approċċ prudenti. Hemm lok li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjoni legali tal-operaturi li jkunu diġà wettqu reġistrazzjonijiet skont il-Ftehim ta' Lisbona ma hijiex imqiegħda f'perikolu.

108. Jien tal-fehma li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi miżura li tippermetti l-eliminazzjoni tar-riskji marbuta mad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea u l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Fil-fatt, din l-awtorizzazzjoni, anki jekk ma teliminax fiha nnifisha dawn ir-riskji, tippermetti lill-Istati Membri li jagħmlu dan, wara l-adeżjoni tagħhom mal-Att ta' Genève.

[46] Il-Kummissjoni ssostni li tali awtorizzazzjoni ma ngħatatx wara l-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' għomja, ta' dawk b'nuqqasijiet viżivi u ta' persuni li għandhom diffikultajiet oħra sabiex jaqraw it-testi stampati għax-xogħlijiet ippubblikati, adottat fis-27 ta' Ġunju 2013 mill-WIPO, li jinkludi l-istess klawżoli dwar id-dritt tal-vot ta' OIG (ara l-Artikolu 13(3) ta' dan it-Trattat). Fil-fehma tiegħi, dan l-argument huwa ineffettiv. Fil-fatt, l-assenza ta' azzjoni sabiex jiġu rrimedjati ċerti problemi dwar l-implementazzjoni ta' ftehim ma jimponix in-nuqqas ta' azzjoni fir-rigward ta' din l-istess problema fil-kuntest ta' ftehim ieħor.

109. Madankollu, sabiex jiġu eliminati dawn ir-riskji, ma huwiex neċessarju li s-seba' Stati Membri kkonċernati jkunu obbligati jaderixxu mal-Att ta' Genève. Huwa biżżejjed li dawn jiġu offruti lilhom tali possibbiltà. Fid-dawl ta' ċerti obbligi dovuti għall-adeżjoni, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk l-adeżjoni tagħhom għall-Att ta' Genève hijiex neċessarja, fid-dawl tan-numru ta' reġistrazzjonijiet imwettqa skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet li jirriżultaw minnu.

110. Huwa ċertament minnu li, kieku ebda wieħed mill-Istati Membri kkonċernati ma kien għamel użu mill-possibbiltà offruta mill-awtorizzazzjoni kontenzjuża, il-problema tad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea ma kinitx tiġi solvuta. Madankollu, il-Kunsill kellu raġunijiet sabiex jemmen li ċerti Stati Membri kienu ser jibbenefikaw minn din il-possibbiltà u l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri fl-Att ta' Genève effettivament seħħet.

111. Sa fejn l-awtorizzazzjoni kontenzjuża b'hekk tikkostitwixxi miżura li tippermetti li jiġu eliminati r-riskji marbuta mad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea u mal-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini rreġistrati taħt il-Ftehim ta' Lisbona, għandu jiġi vverifikat jekk din tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi iktar 'il fuq.

112. Ma narax mezzi oħra li jippermettu li jintlaħaq l-għan inkwistjoni. Ċertament, huwa possibbli li wieħed jipprova jikkonvinċi lil partijiet kontraenti oħra kif ukoll lis-Segretarjat tal-WIPO li ssir interpretazzjoni tal-Att ta' Genève li tgħid li l-OIG għandhom tal-inqas vot wieħed fl-assemblea u l-Unjoni tissostitwixxi s-seba' Stati Membri kkonċernati sa fejn tirrigwarda l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Madankollu, is-suċċess ta' tali approċċ ikun impossibbli li jiġi previst u jiddependi fuq partijiet kontraenti oħra kif ukoll mis-segretarjat tal-WIPO u għalhekk huwa inċert. Min-naħa l-oħra, l-adeżjoni tal-Istati Membri fl-Att ta' Genève tippermetti l-eliminazzjoni tar-riskji kkonċernati *ipso jure*.

113. L-unika kwistjoni li tqum hija dik dwar huwiex neċessarju li jkunu awtorizzati jaderixxi għall-Att ta' Genève mhux biss is-seba' Stati Membri kkonċernati iżda l-Istati Membri kollha. Tali awtorizzazzjoni tista' tiġi ġġustifikata minn neċessità li jiġi żgurat numru kemm jista' jkun għoli ta' voti tal-Unjoni fl-assemblea.

114. F'dan ir-rigward, mill-premessi tad-deċiżjoni kkontestata ma tirriżultax li n-neċessità li jiġi żġurat numru tant għoli possibbli ta' voti tal-Unjoni fl-assemblea hija r-raġuni għaliex l-awtorizzazzjoni kontenzjuża ngħatat[47]. Fiha tissemma biss in-neċessità li tiġi rregolarizzata l-kwistjoni tad-dritt tal-vot tal-Unjoni u jitħalla f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddeċiedu jekk jixtiqux jużaw l-awtorizzazzjoni kontenzjuża. L-adeżjoni ta' Stat Membru wieħed hija biżżejjed sabiex jiġi eliminat ir-riskju li l-Unjoni ma għandhiex dritt tal-vot fl-assemblea.

115. Il-partijiet jinvokaw f'dan il-kuntest il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-Istati Membri. Minn dan tirriżulta projbizzjoni li jingħataw biss lil ċerti Stati Membri l-awtorizzazzjoni li jaderixxu mal-Att ta' Genève. F'dan ir-rigward, naqbel mal-opinjoni ppreżentata mill-Avukata Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (Impjanti ta' trattament

[47] Għal din l-istess raġuni, huwa irrilevanti l-argument ta' ċerti Stati Membri intervenjenti dwar in-neċessità li jagħtu lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiżguraw il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli li ma ġewx armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li din iċ-ċirkustanza kkostitwixxiet waħda mir-raġunijiet sabiex tingħata l-awtorizzazzjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, l-argument invokat jikkontesta l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim ta' Lisbona rivedut), li tgħid li l-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam irregolat mill-Att ta' Genève hija esklużiva (ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet).

ta' ilma mormi)[48], li osservat li, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ppreċiżatx kif l-ugwaljanza tal-Istati Membri għandha tiġi interpretata, wieħed għandu jitlaq mill-premessa li l-ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tapplika wkoll għalihom. Dan il-prinċipju jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat[49].

116. Is-seba' Stati Membri kkonċernati jinsabu f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-Istati Membri l-oħra. In-nuqqas ta' adeżjoni ta' dawn tal-aħħar mal-Att ta' Genève ma jwassal għal ebda riskju marbut mal-livell tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Dan ir-riskju jirrikjedi li l-possibbiltà ta' adeżjoni għall-Att ta' Genève tkun miftuħa għas-seba' Stati Membri kkonċernati. Ma teżistix tali ġustifikazzjoni dwar l-interessi tal-Istati Membri f'dak li jikkonċerna d-dritt tal-vot, peress li d-deċiżjoni kkontestata tipprevedi espressament li ma humiex l-Istati Membri iżda l-Unjoni li tivvota fl-assemblea. B'hekk, id-differenza fit-trattament bejn is-seba' Stati Membri kkonċernati u l-Istati Membri l-oħra dovuta għal-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni kontenzjuża biss għas-seba' Stati Membri kkonċernati ma għandhiex bħala effett il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza.

117. Barra minn hekk, kif diġà semmejt fil-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati jaderixxu mal-Att ta' Genève fil-futur permezz ta' deċiżjoni separata. B'hekk, fil-każ ta' bidla fis-sitwazzjoni, dejjem ikun possibbli li tiġi adottata deċiżjoni li tawtorizza l-adeżjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan l-assemblea, jekk dan ikun neċessarju.

118. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-fehma li, fl-istat attwali, li jiġi awtorizzat lill-Istati Membri kollha sabiex jaderixxu mal-Att ta' Genève imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġu eliminati r-riskji dovuti għan-nuqqas ta' adeżjoni tal-Istati Membri f'dan l-att.

119. Il-Kummissjoni ssostni li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża hija inkundizzjonata u permanenti. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata jimponu limitazzjonijiet sinjifikattivi fuq l-Istati Membri li aderixxew mal-Att ta' Genève. L-ewwel, l-Unjoni u l-Istati Membri huma rrappreżentati fi ħdan l-Unjoni Speċjali mill-Kummissjoni. It-tieni, hija l-Unjoni li għandha tiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet u r-rispett tal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li aderixxew mal-Att ta' Genève. It-tielet, hija l-Kummissjoni li għandha twettaq in-notifiki kollha neċessarji skont l-Att ta' Genève f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati. Fl-aħħar, ir-raba', hija l-Unjoni li tivvota fl-assemblea filwaqt li l-Istati Membri ma jeżerċitawx id-dritt tal-vot tagħhom. Fil-fehma tiegħi, dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li jiġi mminimizzat ir-riskju ta' diverġenzi eventwali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fi ħdan l-assemblea u fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Att ta' Genève. F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Istati Membri hija għaldaqstant ta' natura limitata u ma tagħtix lok għal tibdil permanenti tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

120. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-opinjoni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 2(1) TFUE sa fejn id-dispożizzjonijiet kontenzjużi jipprevedu li huma awtorizzati jaderixxu mal-Att ta' Genève mhux biss is-seba' Stati Membri kkonċernati iżda l-Istati Membri kollha.

[48] C-22/20, EU:C:2021:250.

[49] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (Impjanti ta' trattament ta' ilma mormi) (C-22/20, EU:C:2021:250, punt 35).

2) Fuq il-motivazzjoni

121. Il-Kummissjoni tallega li teżisti kontradizzjoni bejn żewġ sentenzi tal-premessa 8 tad-deċiżjoni kkontestata. Issa, din il-kontradizzjoni teżisti biss f'każ ta' qari suġġettiv ta' din il-premessa, magħmul mill-perspettiva tal-approċċ li għandha l-Kummissjoni tal-problema tad-dritt tal-vot. B'differenza mill-Kummissjoni, naħseb li l-ewwel sentenza ta' din il-premessa ma għandhiex tinqara bħala li "tagħti opportunità" lill-assemblea sabiex tittratta l-kwistjoni tad-dritt tal-vot tal-Unjoni iżda bħala espożizzjoni ta' problema li s-soluzzjoni tagħha hija proposta fit-tieni sentenza tal-imsemmija premessa.

122. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-motivazzjoni ta' att għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih ikun ġie adottat. F'dan ir-rigward, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll fir-rigward tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat u, b'mod partikolari, skont l-interess li d-destinatarji tal-att jista' jkollhom sabiex jirċievu spjegazzjonijiet [50].

123. Huwa paċifiku wkoll li l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att kontenzjuż [51].

124. F'dan ir-rigward, il-premessa 8 tad-deċiżjoni kkontestata tippermetti li tiġi stabbilita r-rabta bejn l-awtorizzazzjoni kontenzjuża u l-problema tad-dritt tal-vot tal-Unjoni fl-assemblea. Sussegwentement, l-argumenti mqajma mill-Kummissjoni fir-realtà ma jirrigwardawx il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata iżda l-fondatezza tas-soluzzjoni magħżula sabiex tiġi rrimedjata l-problema tad-dritt tal-vot, li diġà kienet is-suġġett tal-analiżi tiegħi dwar l-Artikolu 2(1) TFUE.

125. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-opinjoni li l-argument dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud.

3) Konklużjoni interim

126. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-opinjoni li t-tieni motiv għandu jintlaqa' u li d-dispożizzjonijiet kontenzjużi tad-deċiżjoni kkontestata għandhom jiġu annullati.

VI. Żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata ratione temporis

127. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla d-deċiżjoni kkontestata, hija jkollha tiddetermina jekk hemmx lok li jinżammu l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni tad-deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill.

[50] Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB (C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[51] Sentenza tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota tas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran) (C-611/17, EU:C:2019:332, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

128. Ir-Repubblika Franċiża u l-Ungerija diġà ffirmaw u rratifikaw l-Att ta' Genève, skont l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata. Ma jistax jiġi eskluż li, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni li tawtorizza l-adeżjoni tal-Istati Membri għall-Att ta' Genève skont l-indikazzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [52]. Sadanittant, fil-fehma tiegħi, huwa xieraq li jinżammu l-effetti tal-Artikoli 3 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jikkostitwixxu l-bażi legali għal azzjonijiet li jidhru li jistgħu jitqiesu legali fid-dawl tad-deċiżjoni futura.

129. Għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl tas-sitwazzjoni differenti tas-seba' Stati Membri kkonċernati, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tal-Artikoli 3 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din hija l-eventwali adeżjoni għall-Att ta' Genève tas-seba' Stati Membri kkonċernati mwettqa qabel id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jeċċedix sitt xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza, ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

VII. Fuq l-ispejjeż

130. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li nipproponi li r-rikors jintlaqa' u l-Kummissjoni talbet il-kundanna tal-Kunsill għall-ispejjeż, hemm lok, fil-fehma tiegħi, li dan jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

131. Konformement mal-Artikolu 140(1) ta' dan ir-Regolament, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika Portugiża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom bħala intervenjenti fit-tilwima.

VIII. Konklużjoni

132. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Att ta' Genève tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

– tannulla l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2019/1754 sa fejn dan jinkludi riferimenti għall-Istati Membri;

– iżżomm l-effetti tal-partijiet annullati tad-Deċiżjoni 2019/1754, sa fejn din tikkonċerna r-ratifiki tal-Att ta' Genève msemmi minn din id-deċiżjoni mir-Repubblika Franċiża u l-Ungerija, kif ukoll l-eventwali ratifiki ta' dan l-att jew l-adeżjonijiet għalih imwettqa qabel id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Slovakka, sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jeċċedix sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tas-sentenza, ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

[52] Tali proposta tkun neċessarja fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel motiv.

– tikkundanna lill-Kunsill ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea;

– tikkundanna lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Ellenika, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika tal-Kroazja, lir-Repubblika Taljana, lill-Ungerija, lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Repubblika Portugiża jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.